MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2015

Citazzjoni Numru. 169/2013

**A B**

**vs**

**Direttur Registru Pubbliku;**

**C D; u**

**B'digriet tas-6 ta' Novembru 2013 C D giet konfermata bhala kuratrici *ad litem* sabiex tirraprezenta lill-minuri E D**

**Il-Qorti,**

**Preambolu**.

Rat ir-rikors guramentat tal-attur A B li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. "Illi fl-10 ta' Jannar 2013 twieldet E D kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid (Dok A).

2. Illi fl-imsemmi certifikat tat-twelid it-tifla minuri imsemmija hija mnizzla bhala wild ta' missier mhux maghruf.

3. Illi, kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza, il-missier naturali tal-minuri imsemmija huwa l-attur.

4. Illi l-attur kien ipproceda b'ittra ufficjali skont il-procedura kontemplata fl-artikolu 86 tal-Kodici Civili pero' l-konvenuta C D naqset illi tirrispondi biex turi l-kunsens taghha biex l-attur jigi rikonoxxut bhala l-missier naturali.

Jghidu il-konvenuti ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

i) Tiddikjara illi ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi l-missier naturali tal-konvenuta minuri E D huwa l-attur.

ii) Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tal-minuri E D billi, f'dik il-parti dedikata ghad-dettalji ta' missier it-tarbija, fejn hemm miktub "missier mhux maghruf" jitnizziu d-dettalji ta' l-attur u cioe "A B"; fejn hemm miktub il-professjoni ta' missier it-tarbija, jitnizzel "impjegat"; fejn hemm miktub fejn twieled, jitnizzel "Pieta' Malta"; fejn hemm miktub fejn joqghod, jitnizzel "Zurrieq Malta"; u fejn hemm miktub "Isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet" (missier il-missier tat-tarbija) jitnizzel A B (alive).

Bl-ispejjez u l-konvenuti ingunti in subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra' kif gej:-

1. “Illi prelminarjament l-esponenet jirrileva li l-ewwel talba tar-rikorrenti ma tistghax tigi milqugha stante li qed tirreferi ghal certu Maya Calleja. Pero din il-kawza tidher li hija dwar il-paternita tal-minuri E D u mhux ta' Maya Calleja ghalhekk it-talba kif inhi mijiex tajba.

2. Illi bla pregudizzju l-esponent jistqarr li hu m'huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors gurarnentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji ghalkernm f'dan l-ambitu 1-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna lill-partijiet koncernati jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.”

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta C D proprio et nomine li taqra kif gej:-

1. “Illi primarjament, u dan kif jirrizulta mil-kopji tad-dokumenti hawn annessi markati Dok DM 1 sa Dok DM 4 1-esponenti C D qatt ma negat il-fatt illi r-rikorrenti huwa attwalment missier il-minuri E D ghal liema raguni l-esponenti ma ghandha tbati l-ebda spiza in konnessjoni ma dawn il-proceduri.

2. Illi sekondarjament u minghajr pregudizzju, r-rikorrenti ghandu jindika billi jiddeskrivi x'inhu it-tip ta mpjieg li hu ghandu u anke ghandu jindika l-indirizz shih ta fejn jabita u mhux semplicement Zurrieq Malta.

3. Illi kif ser jigi mitlub fil-kontro talba ma’ din l-azzjoni, r-rikorrenti ghandu wkoll jassumi r-responsabilita ta’ missier naturali u jipprovdi manteniment adekwat a favur t-trobbija ta’ l-istess minuri.

Salv eccezzjonijiet ohra."

Rat l-atti u l-provi mressqa.

Rat li fl-udjenza tal-11 ta' Gunju 2015 l-Avukat tal-konvenuta C D talbet li l-Qorti tordna li l-minuri tiehu l-kunjom "B D".

Rat li l-kawza thalliet ghad-decizzjoni fir-rigward ta' dak mitlub fl-udjenza imsemmija.

Ikkonsidrat;

**Provi**.

Mill-atti jirrizulta illi fl-10 ta' Jannar 2013 il-konvenuta C D, xebba, weldet lit-tifla E minn relazzjoni li kellha mal-attur A B. Jidher li sakemm twieldet it-tifla ir-relazzjoni ta' bejn l-attur B u l-konvenuta D tkissret.

Fir-risposta guramentata taghha l-omm tiddikjara illi tul il-gravidanza taghha bil-minuri l-attur la assistiha u lanqas ried jirrikonoxxi li t-tarbija li kienet qed iggor kienet tieghu. Tghid li kien ghalhekk li rregistrat lit-tarbija bhala "unknown father". Mill-banda l-ohra l-attur jghid li kienet l-omm li ma kinitx ikkoperat mieghu sabiex jigi rikonoxxut bhala missier it-tarbija.

Mill-atti tal-medjazzjoni numru 1450/13 fl-ismijiet "A B vs. C D" jirrizulta illi fil-11 ta' Ottubru 2013 A B pprezenta ittra fir-registru tal-Qorti tal-Familja jitlob medjazzjoni sabiex in vista tar-rapport tad-DNA jinghata access ghall-minuri pendenti l-proceduri ta' filjazzjoni. Antecedentement il-partijiet kienu ftehmu li jersqu flimkien mat-tarbija ghat-test tad-DNA. Dr Marisa Cassar irrilaxxjat DNA Paternity Test Report fit-18 ta' Lulju 2013 li permezz tieghu gie certifikat li l-attur A B huwa effettivament missier il-minuri E.

Il-konvenuta D taghmel referenza ghall-atti ta' ittra ufficjali li l-attur A Bipprezenta fl-4 ta' Gunju 2013[1] kontra taghha. Jirrizulta mill-atti illi dik l-ittra ufficjali giet notifikata lill-omm fit-8 ta' Gunju 2013 filwaqt li fl-14 ta' Gunju 2013 l-omm ipprezentat risposta fl-atti tal-istess ittra u ddikjarat "… **li hija ma ssib l-ebda oggezzjoni li A B jirrikonoxxi lil bintha E D li twieldet nhar l-10 ta' Jannar 2013 bhala bintu naturali u li jaghmel il-proceduri kollha necessarji mal-Awtoritajiet u li ghaldaqstant m'hemmx bzonn li jsiru proceduri fil-Qrati**." Ir-risposta tal-omm appena citata giet notifikata lill-Avukat tal-attur fis-17 ta' Gunju 2013 pero' ma jirrizultax li giet notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku. Kien ghalhekk illi meta fl-20 ta' Awwissu 2013, xahar wara r-risposta tal-omm, id-Direttur tar-Registru Pubbliku irrilaxxja lill-attur vera kopja tal-att tat-twelid tat-tarbija, ma kien ghadu sar l-ebda annotament fl-att tat-twelid fid-dawl tar-risposta tal-omm ghall-ittra ufficjali tal-attur u ghalhekk it-tarbija kienet ghadha tidher b'missier mhux maghruf..

Ghal ragunijiet mhux maghrufa, nonostante li r-risposta tal-omm giet notifikata lill-Avukat tal-attur kif fuq spjegat, fis-27 ta' Awwissu 2013 l-attur ipprezenta l-kawza ta' filjazzjoni jitlob li jigi registrat bhala missier il-minuri meta l-Avukat tieghu kien gia' notifikat bir-risposta tal-omm li ma kinitx sabet oggezzjoni sabiex l-attur jigi registrat volontarjament bhala missier it-tarbija.

Kien biss fil-mori tal-kawza li d-Direttur tar-Registru Pubbliku sar jaf bin-nota tal-omm bhala risposta ghall-ittra ufficjali tal-missier. Ghalhekk fis-27 ta' Marzu 2014, id-Direttur ghamel l-annotamenti necessarji sabiex l-attur A B tnizzel fl-att tat-twelid tal-minuri bhala l-missier inkluz il-konnotazzjonijiet kollha tieghu. Fir-rigward ta' x'kunjom ghandu jiehu l-minuri tnizzel hekk: "Child's surname changed to: B".

Sussegwentement, waqt l-udjenza tat-8 ta' Mejju 2014 dehret l-Avukat tal-attur u pprezentat **nota ta' cessjoni** tat-talbiet attrici. Il-kawza ta' filjazzjoni ghalhekk giet ceduta mill-attur u ghalhekk il-Qorti m'ghadiex aktar adita mill-kawza principali.

Pero' baqa' pendenti l-kontro-talba tal-konvenuta dwar kura u kustodja, access u manteniment tal-minuri.

[1] Fol. 41

Fit-8 ta' Ottubru 2014 il-konvenuta C D ipprezentat fl-atti tal-kawza nota anness maghha c-certifikat tat-twelid tal-minuri u fl-istess nota l-istess konvenuta ddikjarat "**Illi llum il-gurnata l-minuri assumiet kunjom missierha…."**

Il-kontro-talba tal-konvenuta fil-konfront tal-attur rikonvenzjonat qed tigi trattata izda fl-udjenza tal-11 ta' Gunju 2015 l-Avukat tal-konvenuta talbet decizzjoni fir-rigward ta' kunjom il-minuri. L-Avukat tal-attur iddikjara li kunjom it-tarbija ghandu jkun "B" filwaqt li l-Avukat tal-konvenuta iddikjarat li kunjom il-minuri ghandu jkun "B D".

Issegwi d-decizzjoni dwar dan l-aspett tal-vertenza.

**Il-Kunjom ta' tifel Imnissel u Mwieled barra miz-Zwieg.**

In tema legali jinghad illi kunjom tarbija imwielda barra miz-zwieg huwa regolat bl-**Artikolu 92 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta**. Dan l-artikolu huwa intitolat "Il-kunjom ta' tifel imnissel u mwieled barra miz-zwieg."

**Artikolu 92**.

*(1) Tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ, jekk ikun ġie magħruf b'ibnu mill-missier, jieħu l-kunjom tal-missier, li miegħu jista' jżid kunjom l-omm, diversament, jieħu kunjom l-omm:*

*Iżda meta tifel imwieled barra miż-żwieġ ikun ġie rikonoxxut mill-missier u mill-omm flimkien fuq l-att tat-twelid, il-kunjom li bih dak it-tifel għandu jkun magħruf għandu jkun determinat skont l-artikolu 292A:*

*- omissis -*

*Iżda wkoll, jekk l-omm tixtieq li żżid kunjomha ma' dak tal-missier, trid issir referenza fin-nota relattiva msemmija fl-artikolu 86, anke jekk il-missier ma jkunx wera din ix-xewqa fl-ittra uffiċjali. F'dan il-kaz però, in-nota għandha tiġi notifikata lill-missier li jkollu ħamest ijiem utli, min-notifikazzjoni, sabiex jopponi, jekk iqis li din iż-żieda ta' kunjom l-omm mal-kunjom oriġinali mhijiex fl-interess tal-minuri. Jekk il-missier ma jopponix din it-talba, id-Direttur jgħaddi sabiex jirreġistra l-kunjom fl-att relattiv:*

*Iżda wkoll, jekk ir-rikonoxximent jintalab li jsir permezz ta' talba ġudizzjarja quddiem il-Qorti kompetenti wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-proviso, it-talba opportuna sabiex wara kunjom il-missier jiġi miżjud kunjom l-omm għandha ssir lill-Qorti f'kull ħin qabel il-pronunzjament tas-sentenza.*

*Fin-nuqqas ta' dik it-talba t-tifel jieħu kunjom il-missier:*

*- omissis -*

*(3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu dikjarazzjoni ta' paternità b'sentenza tal-qorti għandu jkollha l-istess effett bħal tagħrif.*

*- omissis -*

*(6) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu jew ta' kull artikolu ieħor fil-Kodiċi, meta l-paternità ta' persuna tkun ġiet magħrufa jew il-filjazzjoni ta' persuna tkun ġiet dikjarata mill-qorti, jew tkun saret tapplika l-preżunzjoni msemmija fl-artikoli 101 sa 112, kull min b'konsegwenza ta' dak it-tagħrif, filjazzjoni jew applikazzjoni tal-preżunzjoni jkun ser jassumi kunjom li ma jkunx il-kunjom użat minnu qabel dak it-tagħrif, filjazzjoni jew applikazzjoni tal-preżunzjoni, jew ir-rappreżentant leġittimu tiegħu, jista' jitlob lill-qorti kompetenti b'rikors kontra d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jitħalla juża dak il-kunjom l-ieħor, u jekk il-qorti tkun sodisfatta li b'dak l-użu ma jkunux ser jiġu preġudikati terzi u, fejn ir-rikors ikun sar għan-nom ta' minuri, li dak l-użu jkun fl-aħjar interess tal-minuri, hija għandha tilqa' dik it-talba u tordna lid-Direttur iniżżel annotazzjoni tad-deċiżjoni mogħtija minnha fuq l-Att ta' twelid rilevanti ta' min ikun ġie hekk magħruf jew li tkun ġiet hekk dikjarata l-filjazzjoni tiegħu jew li dwaru għandha tapplika dik il-preżunzjoni.*

Artikolu 86 li ssir referenza ghalih fl-artikolu appena citat jipprovdi kif gej:-

**Artikolu 86**.

*It-tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ jista' jiġi magħruf mill-missier u mill-omm, sew mit-tnejn flimkien kemm ukoll separatament:*

*Iżda meta l-persuna li tagħraf ruħha bħala missier it-tifel hija minuri, it-tagħrif li tagħmel din il-persuna huwa null:*

*Iżda wkoll it-tagħrif ta' tifel imwieled barra miż-żwieġ minn persuna li tgħid li tkun missier it-tifel, li jsir separatament mill-omm, ma jkollu ebda effett u ma jiġix reġistrat kemm-il darba omm dak it-tifel, jew il-werrieta tagħha jekk hija tkun mejta, u t-tifel innifsu jekk ikun laħaq l-età, ma jkunux ġew notifikati b'ittra uffiċjali minn persuna li jkollha interess li fiha jkun hemm dikjarat li dik il-persuna tkun bi ħsiebha tapplika għar-reġistrazzjoni ta' dak it-tagħrif u l-omm, jew il-werrieta tagħha skont il-każ, u t-tifel, ma jkunux fi żmien xahrejn minn dik in-notifika permezz ta' nota preżentata fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali, qablu li ssir dik ir-reġistrazzjoni, f'liema każ dik l-ittra uffiċjali u n-nota li turi l-qbil għandhom jiġu notifikati lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li għandu jgħaddi biex jirreġistra l-imsemmi tagħrif fl-atti tal-istat ċivili relattivi:*

*Iżda meta l-omm jew it-tifel li jkollu l-età ma jkunux kif hawn qabel imsemmi jaqblu ma' dik ir-reġistrazzjoni jew jibqgħu ma jweġbux fiż-żmien ta' xahrejn fuq imsemmi, kull min ikollu interess jista' jmexxi b'rikors quddiem il-qorti kompetenti kontra l-persuna jew il-persuni li ma jkunux hekk qablu, biex il-qorti tiddikjara li min jagħmel it-tagħrif ikun missier it-tifel u tordna r-reġistrazzjoni ta' dak it-tagħrif fl-atti tal-istat ċivili relattivi*.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

Kif rajna l-kawza ta' filjazzjoni giet ceduta mill-attur. Baqa' biss pendenti quddiem din il-Qortl t-talbiet rikonvenzjonali da parti tal-konvenuta rikonvenzjonanti fir-rigward tal-kura,

kustodja, access u manteniment tal-minuri. B'konsegwenza tan-nota ta' cessjoni pprezentata mill-Avukat tal-attur fl-udjenza tat-8 ta' Mejju 2014, il-Qorti ma tistax aktar tiehu konjizzjoni tal-kwistjoni tal-filjazzjoni u dak kollu marbut maghha. Il-mertu tat-talba tal-attur sabiex jigi rikonoxxut u dikjarat missier il-minuri gie ezawrit bl-annotament li d-Direttur tar-Registru Pubbliku ghamel fis-27 ta' Marzu 2014 fl-att tat-twelid tal-minuri in segwitu ghall-ittra ufficjali tal-attur u l-adezzjoni tal-konvenuta. Ic-cessjoni tat-talbiet attrici da parti tal-attur nehha minn quddiem il-Qorti it-talbiet attrici fir-rigward tal-filjazzjoni.

**L-Annotament tad-Direttur tar-Registru Pubbliku dwar Kunjom it-Tarbija huwa Konformi mal-Ligi**.

Id-Direttur tar-Registru Pubbliku kien korrett meta fl-annotament fl-att tat-twelid tal-minuri ddikjara li kunjom il-minuri ghandu jkun B, kunjom il-missier, u mhux B D kif issa qed tippretendi l-omm. Kif jipprovdi Artikolu 92 citat *in parte supra*, bil-procedura tal-ittra ufficjali kontemplata fl-Artikolu 86 tal-Kap. 12,, meta omm tkun tixtieq li in segwitu ghal rikonoxximent da parti ta' missier il-wild, il-wild ma jgibx biss kunjom il-missier izda wkoll kunjom l-omm, l-omm ghandha turi din ix-xewqa permezz tan-nota in risposta ghall-ittra ufficjali tal-missier. Inoltre, f'kaz bhal dan fejn l-omm tindika x-xewqa li l-minuri jiehu wkoll kunjomha, in-nota tal-omm ghandha tkun notifikata mhux biss lid-Direttur tar-Registru Pubbliku izda wkoll lill-missier li jkollu zmien hamest ijiem utili min-notifika sabiex jopponi ghat-talba tal-omm "jekk iqis li din iz-zieda ta' kunjom l-omm ma' kunjom il-missier mhijiex fl-interess tal-minuri". F'kaz ta' tali opposizzjoni l-kwistjoni tigi riferuta ghad-decizzjoni tal-Qorti.

Il-proviso f'Artikolu 92 fuq citat ma jhalli l-ebda dubju li d-Direttur tar-Registru Pubbliku kien korrett meta ddikjara li mar-rikonoxximent tal-missier il-minuri ghandha tkun maghrufa bil-kunjom tal-missier. **Dan ghaliex meta l-omm ipprezentat in-nota taghha fir-Registru fl-14 ta' Gunju 2013[2] b'risposta ghall-ittra ufficjali tal-missier, hija ma ghamlet l-ebda referenza ghax-xewqa taghha li kunjom it-tifla jsir kunjom il-missier mizjud mieghu kunjom l-omm.** Dan qed jinghad ghaliex l-Artikolu 92 huwa car u ma jhalli lok ghall-ebda dubju fir-rigward fejn jipprovdi hekk: *Iżda wkoll, jekk l-omm tixtieq li żżid kunjomha ma' dak tal-missier, trid issir referenza fin-nota relattiva msemmija fl-artikolu 86, anke jekk il-missier ma jkunx wera din ix-xewqa fl-ittra uffiċjali. F'dan il-kaz però, in-nota għandha tiġi notifikata lill-missier li jkollu ħamest ijiem utli, min-notifikazzjoni, sabiex jopponi, jekk iqis li din iż-żieda ta' kunjom*

[2] Fol. 42

*l-omm mal-kunjom oriġinali mhijiex fl-interess tal-minuri. Jekk il-missier ma jopponix din it-talba, id-Direttur jgħaddi sabiex jirreġistra l-kunjom fl-att relattiv:*

Isegwi ghalhekk illi una volta r-rikonoxximent tal-attur bhala missier il-minuri ma sarx permezz ta' sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) izda permezz tal-procedura volontarja tal-ittra ufficjali, kien jispetta lill-omm illi jekk riedet izzid kunjomha ma' dak tal-missier tiddikjara dik ix-xewqa taghha fin-nota taghha stess b'risposta ghall-ittra ufficjali tal-missier L-omm ma ghamlet xejn minn dan bil-konsegwenza li d-Direttur tar-Registru Pubbliku korrettement irregistra lit-tarbija fuq isem A B bhala l-missier u ddikjara li t-tarbija kienet qed tiehu il-kunjom tal-missier.

Finalment ghandu jinghad illi l-ligijiet li jirregolaw il-filjazzjoni tal-ulied huma min-natura taghhom ta' ordni pubbliku u ghalhekk jehtieg li jigu nterpretati b'mod strett.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi t-talba tal-konvenuta C D sabiex fil-kunjom tal-minuri jizdied kunjomha wara dak tal-missier qed tigi respinta bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------